DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/1886

tas-27 ta' Ottubru 2021

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/570 fir-rigward tal-kapaċitajiet ta' ħażna tar-rescEU fil-qasam tal-inċidenti kimiċi, bijoloġiċi, radjoloġiċi u nukleari

(notifikata bid-dokument C(2021) 7570)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili ([1]), u b'mod partikolari l-punt (g) tal-Artikolu 32(1) tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni 1313/2013/UE tistabbilixxi l-qafas legali tar-rescEU. Ir-rescEU hija riżerva ta' kapaċitajiet fil-livell tal-Unjoni li għandha l-għan li tipprovdi assistenza f'sitwazzjonijiet predominanti fejn il-kapaċitajiet eżistenti fil-livell nazzjonali u dawk impenjati mill-Istati Membri għar-Riżerva Ewropea ta' Protezzjoni Ċivili ma jkunux jistgħu jiżguraw rispons effettiv għal diżastri naturali u dawk maħluqa mill-bniedem.

(2) F'konformità mal-Artikolu 12(2) tad-Deċiżjoni 1313/2013/UE, il-kapaċitajiet tar-rescEU għandhom jiġu ddeterminati billi jitqiesu r-riskji identifikati u dawk emerġenti, il-kapaċitajiet ġenerali u l-lakuni fil-livell tal-Unjoni. Dan l-artikolu jistabbilixxi wkoll l-erba' oqsma li r-rescEU għandha tiffoka fuqhom b'mod partikolari, jiġifieri: tifi tan-nar fil-foresti mill-ajru, rispons mediku ta' emerġenza u inċidenti kimiċi, bijoloġiċi, radjoloġiċi u nukleari ("CBRN"), kif ukoll trasport u loġistika.

(3) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/570 ([2]) tistabbilixxi l-kompożizzjoni inizjali tar-rescEU f'termini ta' kapaċitajiet u r-rekwiżiti ta' kwalità tagħha. Ir-riżerva tar-rescEU s'issa tikkonsisti f'kapaċitajiet ta' tifi tan-nar fil-foresti mill-ajru, kapaċitajiet ta' evakwazzjoni medika mill-ajru, tim mediku ta' emerġenza u ħażna ta' tagħmir mediku u/jew tagħmir protettiv personali ("kapaċitajiet ta' ħażna medika"), u kapaċitajiet kimiċi, bijoloġiċi, radjoloġiċi u ta' dekontaminazzjoni nukleari.

(4) Analiżi tar-riskji identifikati u emerġenti kif ukoll tal-kapaċitajiet u l-lakuni fil-livell tal-Unjoni tiżvela l-ħtieġa għal kapaċitajiet ta' ħażna tar-rescEU fil-qasam tal-inċidenti kimiċi, bijoloġiċi, radjoloġiċi u nukleari ("kapaċitajiet ta' ħażna CBRN")

(5) Il-kapaċitajiet ta' ħażna ta' CBRN żviluppati taħt rescEU għandhom ikunu kapaċi jirrispondu għal inċidenti kimiċi, bijoloġiċi, radjoloġiċi u nukleari. Il-kapaċitajiet sħaħ ta' ħażna ta' CBRN għandhom jipprovdu l-vantaġġ li jkunu kapaċi jirrispondu għal sitwazzjonijiet li jinvolvu taħlita ta' aġenti u b'hekk jipprovdu għal skjerament effettiv b'diversi aspetti.

(6) Il-kompitu ewlieni tal-kapaċitajiet ta' ħażna ta' CBRN tar-rescEU huma li jipprovdu kontromiżuri CBRN bħal tagħmir ta' protezzjoni personali, apparat, provvisti tal-laboratorju u elementi loġistiċi li jistgħu jintużaw biex jirrispondu għal inċidenti kimiċi, bijoloġiċi, radjoloġiċi u nukleari. Dawk il-kontromiżuri CBRN jistgħu jintużaw ukoll b'appoġġ

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 924.

([2]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/570 tat-8 ta' April 2019 li tistabbilixxi r-regoli għall-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-kapaċitajiet tar-rescEU u li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/762/UE (ĠU L 99, 10.4.2019, p. 41).

għal kapaċitajiet oħra tar-rescEU skjerati fil-każ ta' kwalunkwe aġent kimiku, bijoloġiku, radjoloġiku u nukleari iżolat jew kombinat fir-rigward tal-infrastruttura, il-bini, il-vetturi, it-tagħmir u l-evidenza kritika, u jistgħu jinkludu terapiji u oġġetti xierqa oħra meħtieġa għall-ewwel intervent u għall-popolazzjoni inġenerali. Il-kapaċitajiet ta' ħażna ta' CBRN għandhom jiġu implimentati f'komplementarjetà mal-kapaċitajiet ta' ħażna medika.

(7) Skont l-Artikolu 12(4) tad-Deċiżjoni 1313/2013/UE, ir-rekwiżiti ta' kwalità għal kapaċitajiet ta' reazzjoni li jiffurmaw parti minn rescEU għandhom jiġu stabbiliti f'konsultazzjoni mal-Istati Membri.

(8) Il-kapaċitajiet ta' ħażna ta' CBRN għandhom jiġu stabbiliti biex jirrispondu għal riskji ta' probabbiltà baxxa b'impatt għoli, f'konformità mal-kategoriji tal-kostijiet eliġibbli msemmija fl-Artikolu 3e tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/570 u wara konsultazzjoni mal-Istati Membri.

(9) Sabiex tingħata assistenza finanzjarja mill-Unjoni għall-iżvilupp ta' tali kapaċitajiet ta' ħażna ta' CBRN, f'konformità mal-Artikolu 21(3) tad-Deċiżjoni 1313/2013/UE, l-ispiża eliġibbli tagħhom għandha tiġi stabbilita billi jitqiesu l-kategoriji stabbiliti fl-Anness Ia għal dik id-Deċiżjoni.

(10) Għaldaqstant jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/570 tiġi emendata skont dan.

(11) Il-miżuri li jsir provvediment għalihom f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-kumitat li jissemma fl-Artikolu 33(1) tad-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/570 qiegħda tiġi emendata kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 2, il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (g) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(g) kapaċitajiet ta' dekontaminazzjoni kimika, bijoloġika, radjoloġika u nukleari (CBRN).

(b) jiżdied il-punt (h) li ġej:

"(h) kapaċitajiet ta' ħażna kimika, bijoloġika, radjoloġika u nukleari (CBRN).

(2) L-Artikolu 3a huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 3a

Il-kostijiet eliġibbli tal-kapaċitajiet ta' evakwazzjoni medika mill-ajru tar-rescEU, tal-kapaċitajiet tat-tim mediku ta' emerġenza tat-tip 3, tal-ħażna medika, tad-dekontaminazzjoni ta' CBRN u tal-kapaċitajiet tal-ħażna ta' CBRN

Il-kategoriji tal-kostijiet kollha msemmija fl-Anness Ia tad-Deċiżjoni 1313/2013/UE għandhom jitqiesu meta tiġi kkalkulata l-kost eliġibbli totali tal-kapaċitajiet tar-rescEU."

(3) L-Artikoli 3b, 3c u 3f huma mħassra;

(4) Fl-Artikolu 3e, il-paragrafi 3 u 4 jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

"3. Il-kapaċitajiet ta' rescEU msemmija fil-punti (c) sa (h) taħt l-Artikolu 2(2) għandhom jiġu stabbiliti bl-għan li jimmaniġġjaw riskji ta' probabbiltà baxxa b'impatt għoli.

4. Meta l-kapaċitajiet ta' rescEU msemmija fil-punti (c) sa (h) taħt l-Artikolu 2(2) jiġu skjerati skont il-Mekkaniżmu tal-Unjoni, l-assistenza finanzjarja tal-Unjoni għandha tkopri 100% tal-ispejjeż operazzjonali, f'konformità mal-Artikolu 23(4b) tad-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE.";

(5) l-Anness huwa emendat skont l-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Ottubru 2021.

Għall-Kummissjoni
Janez LENARČIČ
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

Fl-Anness għad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/570, qiegħda tiżdied it-Taqsima 8 kif ġej:

"8. **Il-ħażna ta' kontromiżuri kimiċi, bijoloġiċi, radjoloġiċi u nukleari u/jew tagħmir protettiv personali mmirat lejn l-assistenza fil-qasam tas-CBRN**

Kompiti	— Il-ħażna ta' kontromiżuri CBRN, li jinkludu għalkemm mhux limitati għal tagħmir ta' protezzjoni personali, apparat, provvisti tal-laboratorju u elementi loġistiċi, kif ukoll li jikkomplementaw u jappoġġaw kapaċitajiet oħra tar-rescEU, bħad-dekontaminazzjoni u d-detezzjoni CBRN, il-kapaċitajiet ta' sorveljanza u monitoraġġ għall-fini ta' tħejjija u rispons għal avveniment CBRN, inkluż b'rispons għal theddid transfruntier għas-saħħa ([1]).
Kapaċitajiet	— Materjali u sistemi ([2]) għad-dekontaminazzjoni ta' persuni, infrastruttura, bini, vetturi, tagħmir sensittiv u/jew evidenza kritika, inkluż minn kontaminazzjoni potenzjali b'sustanzi kimiċi industrijali tossiċi, aġenti tal-gwerra rikonoxxuti, aġenti infettivi bijoloġiċi (patoġeni), bijotossini u radjunuklidi; — materjali u apparati meħtieġa għad-detezzjoni, it-teħid ta' kampjuni, l-identifikazzjoni, is-sorveljanza u l-monitoraġġ sabiex jinżamm sikur ambjent potenzjalment espost għal aġenti CBRN; — materjali u sistemi meħtieġa għat-trażżin tal-kontaminazzjoni u l-ġestjoni tal-iskart u ta' prodotti sekondarji dannużi, inkluż għall-ilma u l-ħwejjeġ ikkontaminati; — materjali u sistemi meħtieġa għat-trażżin u t-trażżin tan-nar f'avveniment CBRN; — trattamenti mediċi tal-ewwel linja, vaċċini ([3]), kits dijanjostiċi rapidi ġeneriċi rilevanti u antidoti kontra aġenti CBRN (eż. pilloli atropini u jodju); — materjali ta' appoġġ u li jintremew wara l-użu bħal skariki u oġġetti konsumabbli li jikkumplimentaw ir-rispons CBRN, l-għodod meħtieġa għall-manutenzjoni u l-istand-by (eż. mili tal-fliexken tal-arja), kontenituri għal materjal imniġġes jew ikkontaminat ta' aġenti differenti; — Elementi ta' appoġġ loġistiku relatati mas-CBRN bħal, iżda mhux limitati għal, tined, kontenituri loġistiċi, tagħmir għat-trasport tal-vittmi, u tined għad-dekontaminazzjoni fl-isptarijiet; — tagħmir ta' protezzjoni personali ([4]) u s-sistemi ta' riġenerazzjoni jew mili mill-ġdid tiegħu, jekk applikabbli, għal individwi meqjusa li huma f'riskju ([5]) kemm bħala ħaddiema fuq quddiem kif ukoll bħala popolazzjoni; — provvisti tal-laboratorju, inkluż materjal għat-teħid ta' kampjuni, reaġenti tal-laboratorju, tagħmir u oġġetti konsumabbli ([6]), biex tiġi żgurata l-kapaċità tal-laboratorju għal riskji relatati mas-CBRN; — basktijiet għall-kadavri għal fatalitajiet ikkontaminati bis-CBRN; — kwalunkwe oġġett ieħor kif meħtieġ, skont ir-riskju identifikat.
Elementi prinċipali	— Faċilitajiet ta' ħażna xierqa fl-Unjoni ([7]) u sistema adegwata ta' monitoraġġ tal-ħażna. — proċeduri xierqa li jiżguraw l-imballaġġ, it-trasport u l-konsenja b'mod adegwat tal-prodotti msemmija taħt il-kapaċitajiet, fejn meħtieġ. — persunal imħarreġ kif xieraq biex jissorvelja u jimmaniġġja l-prodotti msemmija taħt il-kapaċitajiet; — livell xieraq ta' konformità mal-istandards internazzjonali u l-mudelli operattivi, bħall-istandards tal-UE, id-WHO jew in-NATO, inkluż, fejn applikabbli, il-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni.
Skjerament	— Disponibbiltà għat-tluq sa mhux aktar minn 12-il siegħa wara l-aċċettazzjoni tal-offerta.

(1) Kif definit fid-Deċiżjoni Nru 1082/2013/UE.
(2) Bħas-sistemi ta' riġenerazzjoni u ta' rikarika tal-PPE.
(3) Ir-rekwiżiti tal-kwalità għat-tilqim għandhom ikunu dawk taħt il-punt 6 hawn fuq.
(4) Huma koperti dawn il-kategoriji: (i) il-protezzjoni tal-għajnejn; (ii) il-protezzjoni tal-idejn; (iii) protezzjoni respiratorja; (iv) il-protezzjoni tal-ġisem; u (v) protezzjoni tas-saqajn, f'daqsijiet differenti.
(5) Ara n-nota 2 f'qiegħ il-paġna.
(6) Din tista' tinkludi reaġenti ta' RT-PCR, bħal enzimi, reaġenti ta' l-estrazzjoni tal-RNA, ħin tal-magna għall-estrazzjoni tal-RNA, ħin tal-magna għall-PCR, reaġenti tal-primer u tas-sonda, reaġenti ta' kontroll pożittiv, oġġetti konsumabbli tal-laboratorju PCR (eż. tubi, pjanċi) u diżinfettanti, iżda mhux limitata għalihom.
(7) Għall-finijiet tal-loġistika tal-faċilitajiet tal-ħażna, "fl-Unjoni" tinkludi t-territorji tal-Istati Membri u tal-Istati Parteċipanti fil-Mekkaniżmu tal-Unjoni tal-Protezzjoni Ċivili."